# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tnejn u ħamsin (52) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar, 2016 fis-6.40pm minflok it-Tnejn, 11 ta' Jannar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farruiga | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (KLM) |

1. Is-Seduta bdiet ftit tard milli skedat għaliex infetħet l-offerta pubblika tal-Parki u l-Ġonna mill-kunsillieri preżenti.

2. Is-Sindku, Charlene Zammit ippresediet is-seduta u qalet it-talba.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti punt punt u kien hemm diversi korrezzjonijiet kif indikat fuq il-kopja oriġinali. Dawn kienu aktar tard approvati unanimament u ffirmati.

4. Is-Sindku u l-Vici Sindku qalu li kien hemm ħamsa u tletin persuna li attendew għall-ħarga tal-KLM, dik ta' Betlehem f'Għajnsielem. Dawn qalu li din kienet waħda tajba ħafna u intlaqgħet ferm.

5. Intant Grace Marie Mallia infurmat lill-KLM li sar *provisional booking* għal nhar it-2 ta' Frar, 2016 sabiex isir *Buffet Breakfast* fil-lukanda San Antonio għaliex għal dawn il-*buffet breakfasts* qed ikun hemm konkorrenza tajba għalihom mir-residenti mqabbin skont il-kalendarju kulturali 2016. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Għaldaqstant se jitħejja l-*poster* u se jitqassam fil-ħwienet.

6. Għall-idea li fil-Milied tas-sena d-dieħla jsiru stilel u qniepen mill-ħaddiema tagħna biex jiddendlu fit-toroq, Charlene Zammit qalet li dawn iridu jinħadmu bir-raġġi jagħtu fuq il-lemin u x-xellug. Hawn is-SE qal li inqalgħet problema għaliex il-*workshop* privat fejn kienu qed jinħadmu, issa m'għadux aktar disponibbli. Dan għaliex sid il-*workshop* privat iddeċieda li l-KLM ma messux waħħal il-*U-Shape barriers* quddiem id-dar tiegħu u li hu mhux ser ineħħi l-pjanti li poġġa fi tliet parkeġġi pubbliċi li qed jostakolaw l-istess parkeġġi. F'dan il-waqt Charlene Zammit qalet li hi m'hi se tħalli lil ħadd jirrikatta lill-KLM u illi bl-istess flus nistgħu immorru naħdmu kullimkien. Michel Farrugia kompla jsemmi aktar postijiet fejn qed ikun hemm bankijiet u l-qsari barra t-triq u ta' ostakolu fosthom fi Triq id-Duluri u Triq il-Madonna tal-Ġilju, filwaqt li Anita Farrugia semmiet li fi Triq il-Lanġasa saru *yellow lines* li qed ikunu ta' skumdita' għal bosta residenti u wkoll hemm il-qsari li huma ta' ostakolu. Paul Spiteri qal li l-KLM m'hux *enforcer* iżda jista' biss jilleġiżla (anke permezz ta' *bye-laws*) u dawn l-ilmenti għandhom ikunu diretti lejn il-Pulizija għaliex dawn jinfurzaw il-liġijiet tal-pajjiż. Is-Sindku qalet li rigward id-dekorazzjonijiet tal-Milied, għandna nġibu stimi minn għand *workshops* oħrajn, li huma numerużi, biex dawn il-ħadid tat-tiżjin tal-Milied, isiru.

7. Il-*lap top* inxtara minn għand *A to Z Electronics* u qed jittieħdu dawn il-minuti fuqu għall-ewwel darba.

8. Kien deċiż li napplikaw ma' *Transport Malta* sabiex fi Triq Valletta ma' jgħaddux vetturi wisgħin li qed iħaxknu mal-faċċati tad-djar u jagħmlu aktar ħsara lir-residenti. Kien deċiż li

t-tabelli jsiru bil-wisgħa tat-triq u mhux bil-piż, sabiex ma jkunx hemm daqstant riperkussjonijiet ħżiena fuq l-industrija tal-kostruzzjoni *in vista* li hemm barrieri joperaw fi Triq it-Torri u dawn iridu jgħaddu minn hawn bil-fors.

9. Inħass il-bżonn li tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Fjuri dwar il-qtates *stray* li qed jitimgħuhom f'din it-triq, oħra sabiex f'parti minn Triq Valletta l-iskart ma joħorġuhx ir-residenti kmieni ħafna, u kompla jiġi diskuss is-suġġett dwar jekk hux f'loku li jitqiegħed *skip* fi Triq it-Torri quddiem il-forn. Intant kien deċiż illi inkellmu lil min qed jitma' lil qtates f'din iż-żona ħalli nippruvaw neliminaw il-possibilta' li titrawwem din il-kolonja li qed tqatta' l-boroż tal-iskart u jimtela' kullimkien ħmieġ. Is-SE qal li għad fadal ħafna problemi ta' ħmieġ u skart fosthom fi Triq it-Torri lejn Sqaq Buħar fejn qed jintefa saħansitra quddiem id-daħliet tal-għelieqi b'tali mod li jagħlaq l-aċċess tal-bdiewa. Propju l-ġimgħa l-oħra intefgħu anke fdalijiet tal-ħut fi Triq iż-Zurrieq viċin is-sit storiku ta' Ħal Millieri. Is-Sindku ħeġġet sabiex nagħmlu użu mill-*application* li ħolqu *Garby and Tidy* fejn wieħed jista' jibgħat ir-ritratt tal-postijiet maħmuġa u dawn jiġu u jnaddfuhom huma. Intant Paul Spiteri qal li kellu diversi lmenti dwar il-*bring in site* ta' Triq Ħal Kirkop u jibża illi jekk jitpoġġa *skip* fi Triq it-Torri isir kullimkien ħmieġ kif kien seħħ f'Misraħ il-Fidwa meta kien hemm dawn ir-reċipjenti.

10. Tqajjem il-punt dwar id-dwal tal-ġnien f'Misraħ il-Missjoni iż-Żgħira. Is-SE hu nfurmat mill-kuntrattur li l-ħaddiema tiegħu kellhom ukoll inċident ikrah fl-istess sit. Jidher fil-fatt illi hemm *underground cable* maqtugħ u għaldaqstant irid jinsab fejn qiegħed biex tissewwa s-sistema li meta nħadmet ma ħasbux biex jagħmlulha *inspection boxes* biex tali problema tittaffa' billi tkun identifikata mill-ewwel il-parti bil-ħsara.

11. Dwar il-knis tat-toroq, is-SE qal li l-uniku *drawback* li għandna hu li l-knis isir qabel il-ġbir tal-iskart. Meta jgħaddi l-*iscammel* jista' jkun li jħalli xi ħmieġ li jkun ħareġ mill-boroż. Hawn Paul Spiteri qal li meta titqatta' xi borża, tal-*iscammel* xorta jiknes il-fdalijiet minn mal-art.

12. Id-diskussjoni issuktat fuq l-*istage* ta' Triq Karmenu Ciantar, fejn intqal li dan mhux venda u min qiegħed ikun bil-qiegħda fuq l-*istage* b'xarabank wieqfa *di sentu* quddiemu mhux se jara x-xarabank tar-rotta ġejja u hemm iċ-ċans li jitlifha jekk ix-xufier ma jilmħux. Hawn Michel Farrugia qal li l-pjazza tagħna hija dik li hi u mhix xi waħda li tiflaħ isservi ta' venda. Intant Grace Marie Mallia qalet li ir-rotot m'humiex *updated* fuq in-notifiki li hemm imwaħħla mal-*bus-stops*, filwaqt li l-ktejjeb li tqassam fid-djar mill-*Malta Public Transport* mhu spjegabbli xejn, u għaldaqstant hija talbet sabiex niktbu lill-*Transport Malta* dwarhom.

13. Ma jidhirx li ttieħdet l-ebda azzjoni mis-Soċjeta' Santa Marija għalkemm is-SE diġa' kellem lis-Segretarju tas-soċjeta' dwar it-tappieri tan-nar tal-art li jarmaw fihom in-nar tal-art u li jinsabu diversi pulzieri 'l isfel fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Għaldaqstant se nerġgħu niġbdu l-attenzjoni tagħhom. Paul Spiteri qal li hemm toqba oħra tal-festa magħluqa b'ġebla f'Misraħ il-Fidwa fejn il-familja Dingli li jinħtieġ li timtela bit-trab qabel ma jweġġa' xi ħadd fiha.

14. Issemmiet il-*By-Pass* fejn issa iffurmat *depression* kbira fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija propju viċin ir-razzett tas-Sur Joe Farrugia. Se ngħaddu l-ilment lil *Transport Malta* qabel ma' jweġġa' xi ħadd li jista' jgħaddi b'mutur u jtir minn fuqu. Intant Grace Marie Mallia qalet illi Triq tas-Sejba nieżla 'l isfel b'rata qawwija filwaqt li Michel Farrugia qal li għandna ninsistu ma' *Transport Malta* sabiex jagħmlu din il-manutenzjoni huma peress li din issa saret triq ewlenija anke għat-trasport pubbliku.

15. Is-SE ikkomunika mas-Segretarju tal-PN Club sabiex titneħħa is-siġra li tpoġġiet fil-pjazza minn fuq il-bankina u din issa kienet imneħħija.

16. Is-SE informa lill-KLM illi biex tissewwa' l-bankina l-maqluba fi Triq Karmenu Ciantar jinħtieġ li jinqalgħu madwar mitt pied minnha u ssir mill-ġdid bil-*patterned concrete*. Dan kien stabbilit meta mar fuq il-post mal-kuntrattur *Elle's Urban Services* li għandu jgħaddi l-istima.

17. Is-Sindku qalet jidher illi konna nfurmati li ntlaqgħet il-petizzjoni tagħna minn Gal Xlokk li kienu qed jgħidu li minħabba l-*Managing Authority* kien se jkollna nerġgħu nħallsu għall-programm operattiv 2014-2020.

18. Kienet stampata l-ħarġa numru ħmistax tal-fuljett li tqassam ftit qabel il-Milied. F'dan iż-żmien kienet mgħoddija mis-Sindku d-donazzjoni ta' €350 lill-*Community Chest Fund*. Ir-*Rockmass* li nżammet nhar is-27 ta' Dicembru, jidher li ntlaqgħet tajjeb u l-KLM ser jirrepetiha is-sena d-dieħla jekk jippermetti t-temp. Imbagħad fit-23 ta' Diċembru, 2015, il-KLM mar jagħmel żjara lill-*inmates* ta' *Corradino Correctional Facilities* u tagħhom ktejjeb tal-okkażjoni.

19. Kien hemm suġġeriment sabiex Triq il-Friefet issir *one-way*. Din hija triq li ddawwar biss blokka bini li nbniet dan l-aħħar u taffettwa għal issa propju familja waħda.

20. Skont Memo 1/2016 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali nqara' ir-*Rapport tal-Awditur tal-2014* u se jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex in-nuqqasijiet li seta kien hemm fil-konfront tagħna ma jirrepetux irwieħhom.

21. *Schembri Barbros* qed itellagħna arbitraġġ għaliex ma kienx tħallas circa €8,000 fuq il-proġett tal-Mentna. Dan sar wara li kien bagħat ittra legali li kienet ġiet imwieġba mis-Sindku stess u kull ma konna ħallasna kienu l-ispejjeż tal-Qorti. Hija qalet li se tkun issa tenuta li tagħti ix-xhieda tagħha, għaldaqstant issa se jkollna bżonn li nsibu avukat sat-8 ta' Frar. Il-KLM unanimament fdalha l-inkarigu sabiex issib hija avukat tal-fiduċja li se jkun qed jiddefendina dwar dan il-każ wara li diġa' telgħu kemm hi kif ukoll is-SE għall-ewwel seduta preliminari.

22. Inqraw l-ittri ta' *Asfaltar Ltd* tas-16 ta' Novembru 2015 kif ukoll dik tal-Perit Toni Bezzina tal-11 ta' Novembru, 2015 fejn skont is-Sindku r-responsabbilita' fuq toroq hija għal ħames snin u mhux sentejn għax huma xogħlijiet kuntrattwali kif qed jallega l-kuntrattur. Hawn intqal illi fil-każ ta' Triq Santa Katerina ix-xogħol kien fuq *extensive patching* bil-*hot rolled asphalt,* dak ta' Triq il-Mitħna kien purament *resurfacing*. Hawn se naraw eżattament x'kien jgħid il-kuntratt fil-każ ta' xogħol li jirriżulta li kien difettuz.

23. Dwar l-appuntar ta' ambaxxatur taż-żgħażagħ, il-KLM se jara li joħroġ b'nominazzjoni sal-laqgħa li jmiss filwaqt li għan-nomina ta' President tal-Kunsill Skolastiku ssemmew Ms Mansi Farrugia, Ms Agnes, Ms Sciortino, is-Sur Edwin Gatt, Ms Ophelia Zammit u Ms Romina Zammit. Kien hemm qbil unanimu li din tal-aħħar tkun avviċinata biex naraw jekk hux se tilqa' din l-istedina, għaliex ir-risposta trid tingħata sal- 20 ta' Jannar.

24. Is-SE ipprepara l-ewwel tliet *Quarterly Financial Reports*: dak ta' Marzu, Ġunju u Settembru, 2015. Hu qal li dak tal-aħħar se jkun lest probabbli sal-laqgħa li jmiss b'xi *provisions* li se jagħtina l-*Accountant*.

25. Dwar il-linji sofor li tpoġġew wara li kienu approvati minn Transport Malta fi Triq il-Lanġasa, kien deċiż illi ssirilhom modifika. Dan kollu kien immarkat mis-Sindku fuq *site plan* biex għada fil-għodu ssir din il-bidla ħalli ma jkunx hemm aktar skumdita' għar-residenti li ma jistgħux jipparkjaw f'dan is-sit li ilhom jipparkjaw fih għexieren ta' snin. Is-Sindku qalet li jidher li qrasna n-nies fil-laħam il-ħaj għax dawn kellhom *parking space* li kien ilu hemm

diversi snin. Anita Farrugia staqsiet jekk il-problema hijiex ta' Fanu, filwaqt li Grace Marie Mallia qalet li ma tistax tgħid min għaddielha t-talba minħabba l-protezzjoni tad-data, u l-problema huwa l-*bowser* tal-ilma u l-abbulanza li mhux ikollhom minn fejn jgħaddu. Hija qalet ukoll li t-talba għal-linji kineet tressqet quddiem il-KLM u kienet approvata b'vot unanimu. Intant hija u Charlene Zammit esebew ritratti minn fuq it-telefon ċellulari. Grace Marie Mallia semmiet il-*yellow line* li tpoġġa quddiem il-familja Galea fi Triq Valletta u li l-kaġun tiegħu kien il-bankina baxxa u l-fatt li qed jgħaddu kull darba t-trakkijiet minn fuq il-bankina u jkissrulhom il-kaptelli tad-drenaġġ. Anita Farrugia qalet li ma tistax tqabbel Triq Valletta li hija daqstant traffikuża, ma' Triq il-Lanġasa li jgħaddu minnha prattikament ir-residenti biss. Is-Sindku qalet li nistgħu nagħmlu *traffic management* billi l-biċċa d-dejqa ta' Triq il-Lanġasa nagħmluha għad-dħul biss. Paul Spiteri issuġġerixxa li nqabbdu l-perit jagħtina parir, filwaqt li Charlene Zammit qalet li minkejja li kienu approvati, bil-linji li saru, ma solvejna l-ebda' problema għaliex issa l-vetturu qed jipparkjaw faċċata u joħolqu nkonvenjent ikbar. Għalhekk hija insistiet illi jsir il-*yellow line* quddiem id-dawra u quddiem Fanu u l-kumplament inħalluh *clear*.

26. Paul Spiteri fakkar fis-siġar ta' fejn iċ-ċimiterju li kellna stima biex jinqalgħu u l-KLM kien raha għolja. Intant Michel Farrugia se jmur jittawlilhom ħalli jara jekk noħorġux b'orħos.

27. Anita Farrugia fakkret fit-*traffic lights* proposti għall-*by-pass* propju fejn il-ġibjun. Is-SE fakkar fil-laqgħa li għandna mal-Ministru tat-Trasport sabiex dawn il-każi u oħrajn li jikkonċernawh jitqajjmu fil-laqgħa miegħu direttament.

28. Anita Farrugia semmiet ir-*reserved parking* fi Triq il-Ħarrigiet. Is-SE qal li din kienet approvata fi Triq il-Barrieri u bi żball il-ħaddiema għamluha fi triq b'oħra.

29. Anita Farrugia ipproponiet illi Triq il-Lanġasa ssir ukoll *one way* u / jew li jkunu jistgħu jgħaddu minnha ir-residenti biss.

30. Michel Farrugia insista sabiex titpoġġa *speed camera* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, filwaqt li s-Sindku qalet li dawn mhux qed japprovawhom. Is-SE se jara jekk il-LESA issa għandiex *say* ukoll fuq l-approvazzjoni tal-*ispeed cameras* għax qabel jidher li kien hemm kumitat, l-*LES Management Committee*, li ftit li xejn għadna nisimgħu dwaru.

31. Paul Spiteri insista li jinqata' l-ħaxix minn Triq Annetto Caruana minn mal-*istand* tal-ispettaturi tal-*ground* tal-futbol.

32. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex jinsisti mal-Perit dwar il-proposta *Development Notice Order* biex tikber il-bankina fi Triq Valletta quddiem r-residenza.

33. Charlene Zammit talbet lis-SE sabiex iqabbad il-ħaddiema u jibdlu l-qiegħ tad-*dustbin* ta' quddiem il-Każin ta' Sta Marija.

34. Kienet approvata l-*Payment Approval Sheet* numru 509.

35. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 8 ta' Frar, 2016 fl-istess ħin u din spiċċat fid-2145hr.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 22.2.16 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku